

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Sejħa indirizzata lil individwi għall-istabbiliment ta' bażi tad-dejta ta' esperti indipendenti prospettivi biex jgħinu lis-servizzi tal-Kummissjoni f'kompiti b'rabta ma' Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**

(2013/C 342/03)

B'dan l-avviż qed titnieda sejħa indirizzata lil individwi għall-istabbiliment ta' bażi tad-dejta ta' esperti indipendenti prospettivi biex jgħinu lis-servizzi tal-Kummissjoni f'kompiti b'rabta ma' Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) <sup>(1)</sup> u l-programm speċifiku tagħha (il-programm qafas Orizzont 2020), u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplimenta lil Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-“Programm Euratom”), (kollettivament “Orizzont 2020”) u l-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar (RFCS) <sup>(2)</sup>.

Tagħrif dwar il-modalitajiet u kif wieħed jista' japplika bħala espert prospettiv għal din is-sejħa jista' jinkiseb mis-sit tal-Portal tal-Kummissjoni Ewropea għall-Parteċipanti (<http://ec.europa.eu/research/participants/portal/page/experts>).

---

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. Din is-sejħa se tiġi ppubblikata qabel l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ mistennija tal-Programm Qafas Orizzont 2020. Għaldaqstant, din is-sejħa se jkollha effett sħiħ wara li l-Programm Qafas Orizzont 2020 ikun daħal fis-seħħ. Jista' jiġi verifikat li d-dispożizzjonijiet fir-rigward ta' esperti indipendenti ma sarulhomx tibdiliet sostanzjali. Il-pubblikazzjoni tas-sejħa, li tantiċipa l-adozzjoni tal-Programm Qafas Orizzont 2020, ma għandhiex twassal għal ilmenti kontra l-Kummissjoni.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm, ĠU L 130, 20.5.2008, p. 7.